**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 26 TA' MARZU, 2002**

**Avviz Nru: 338/02 AJD**

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Johann M. Sultana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Frar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihalls lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sitta u sittin liri Maltin (Lm666.00) rappresentanti import ta' disa' (9) kambjali, kollha ta' erbgha u sebghin lira (Lm74.00) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Gunju, 2001, sa Frar, 2002, rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 9 konsekuttivament u inklusivament).
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru, 2001, u bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-22 ta' Jannar, 2002, jammontaw ghal Lm20.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Simon Schembri, ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-

cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm666.00), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**